Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) EDWARD FENECH ADAMI
President

10 ta' Awissu, 2004

ATT Nru. XI ta' l-2004

Att dwar il-Membri Parlamentari u l-Impjieg Pubbliku

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2004 dwar il-Membri Parlamentari u l-Impjieg Pubbliku. Titolu fil-qosor.

2. F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:- Tifsir.

(a) "Kamra" tfisser il-Kamra tad-Deputati;

(b) "kariga pubblika", "uffiċjal pubbliku" u "is-servizz pubbliku" għandhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

(ċ) "korp dixxiplinat" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni;

(d) "Kostituzzjoni" tfisser il-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att, għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 54 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'dan jiġi provdut li uffiċjal pubbliku, li l- Kif uffiċjali pubbliċi jikkwalifikaw biex jiġu eletti membri tal-Kamra.

kariga tiegħu, sostantiva jew xort'oħra, fis-servizz pubbliku ma tkunx qiegħda fuq skala ta' salarju li tkun ogħla mill-iskala ta' salarju 6, jew xi skala ta' salarju oħra li l-Kamra tista' b'Riżoluzzjoni minn żmien għal żmien tistabbilixxi, ikun jikkwalifika biex jiġi elett membru tal-Kamra.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) uffiċjal pubbliku li jkun elett membru tal-Kamra jgawdi dawk id-drittijiet, u jkun soġġett għal dawk l-obbligazzjonijiet u kondizzjonijiet, bħal kull uffiċjal pubbliku ieħor fl-istess grad jew pożizzjoni; b'dan illi dak il-membru għandu jitħalla jaqdi dmirijietu fil-Kamra.

(3) Meta l-Prim Ministru jkun jidhirlu li jkun hekk meħtieġ fl-interess pubbliku, huwa jista' b'Ordni pubblikat fil-Gazzetta jagħmel regoli speċjali taħt dan l-Att li bihom jimpedixxi uffiċjali pubbliċi li jiġu eletti fil-Kamra milli jaqdu dmirijiethom f'xi dipartimenti jew uffiċċji partikolari jew milli jwettqu xi dmirijiet partikolari, u dawk l-uffiċjali pubbliċi għandhom jiġu assenjati mill-ġdid band'oħra jew inkella jiġu eżonerati minn dawk id-dmirijiet skond ma jkun speċifikat b'dak l-Ordni.

Membri ta' Korp Dixxiplinat.

4. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhom japplikaw għal ebda membru ta' korp dixxiplinat.

———————

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 163 tas-27 ta' Lulju, 2004.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati